**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 4 TA' FRAR, 2002**

**Avviz Nru: 689/01 AJD**

**Anthony Galea**

**Vs**

**Oliver Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u hamsa u tletin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm535.50) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan it-Tribunal, rapprezentanti danni li sofra l-attur meta fil-25 ta' Mejju, 2001, fi Triq Sant'Antnin, Marsascala, il-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ATG 005 habat fil-vettura propjeta' ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni KTY 149, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konenut.
Bl-ispejjes, inkluzi tal-otrra interpellatorja datata 14 ta' Lulju, 2001, dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment, u bl-imghax legali, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent kien wueqaf fin-nofs ta' Marsascala By Pass biex ikun jista' jdur fuq il-lemin tieghu biex imur lejn iz-Zejtun, meta l-attur gie minn wara, pprova jaqbzu bi speed qawwi u laqat il-karozza fuq il-gemb tal-bieba u tal-mudguard tal-lemin ta' quddiem u kkawzalu Lm750.00 hsara;

2. Illi t-tort huwa unikament tal-attur illi qabez u laqat karozza wieqfa fin-nofs bis-sinjal li ser idur fuq in-nahha tal-lemin u ghalhekk ghandu jhallas id-danni sofferti mill-eccipjent.

Sema' x-xhieda ta' PS 475, Frank Cassar, tal-attur Anthony Galea, tal-konvenut Oliver Attard u ta' Anthony Savona. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Mejju, 2001, fi Triq Sant'Antnin, Marsascala.

2. L-attur kien qed isuq it-taxi bin-numru tar-registrazzjoni KTY 149 fi Triq Sant'Antnin, Marsascala u sejjer fid-direzzjoni ta' Marsascala. Huwa xehed li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ATG 005 kienet quddiemu u kienet qed tinsaq f'nofs tat-triq. Huwa kien ilu jsuq wara l-vettura tal-konvenut tul it-triq kollha. L-attur kompla jghid li huwa ttenta jaghmel manuvra ta' sorpass izda meta ghamel din il-manuvra ta' sorpass, il-konvenut imblukkalu l-karreggjata u sehh l-impatt. Wara l-impatt, l-attur hares lura u ra l-'indicator' tal-vettura misjuqa mill-konvenut mixghul. In kontro-ezami, l-attur xehed li n-naha tat-triq li kien ghaddej minnha, karreggjata wahda hemm u li meta huwa ghamel il-manuvra tas-sorpass baqa' fuq in-naha tieghu tat-triq, kien biss bid-daqqa li spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq. Huma habtu gemb ma' gemb.

3. Il-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ATG 005. Huwa wkoll kien qed isuq fi Triq Sant'Antnin fid-direzzjoni ta' Marsascala u ried idur ghal wara r-Recycling Plant li hemm fil-lokalita'. Huwa xehed li waqaf kif indikat fl-iskizz, bl-'indicator' mixghul u waqt li kien wieqaf jistenna biex idur giet il-vettura misjuqa mill-attur min-naha tal-lemin tieghu u kaxkritlu l-gemb tal-vettura tieghu.

4. Il-konvenut esebixxa xi ritratti li ttiehdu fuq il-post tal-incident liema ritratti jinsabu esibiti a. fol. 31 tal-process. Min dawn ir-ritratti l-vettura tal-konvenut tidher posizzjonata f'nofs tat-triq qed ristenna biex iddur u ghadha m'hijiex angolata lejn il-lemin.  L-Artikolu 77 tal-Highway Code jghid hekk:-

*"Before changing direction to the left, keep as much as possible to the left hand kerb well in advance of the turning.  If you wish to turn to the right, steer your vehicle as much as it is prudently possible to the centre of the road without, however, encroaching on the other half of the road".*

5. Mir-ritratti esibiti a. fol. 31 u mmarkati bhala Dok. A1 u Dok. A3 jidher li l-vettura tal-konvenut tinsab posizzjonata fin-nofs tat-triq u ghadha dritta u ghalhekk is-sewwieq mexa skond ir-regolament hawn fuq imsemmi.

6. Illi l-Artikolu 74 tal-Highway Code min-naha l-ohra jghid: *"Do not overtake at or when approaching a road junction"*, u l-Artikolu 72 jispecifika li wiehed ghandu jaghmel il-manuvra ta' surpass min-naha tal-lemin hleif *"when the driver in front has signaled his intention to turn right and you can safely overtake him on his left without inconveniencing other traffic….".*

7. Illi l-attur xehed li huwa ghamel il-manuvra ta' surpass fuq il-karreggjata tieghu izda l-posizzjoni tal-vettura tieghu kemm kif indikata fuq l-iskizz kif ukoll kif tidher fuq ir-ritratti hawn fuq imsemmija tindika inekwivokabilment li huwa qabez il-linja kontinwa tat-triq meta beda jissorpassa l-vettura tal-konvenut.

8. Illi fil-fehma tat-Tribunal, l-attur kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni ghal zewg ragunijiet (i) huwa qabez il-linja medjana tat-triq sabiex jeffetwa s-sorpass u, (ii) huwa beda jaghmel manuvra ta' surpass f'inkrocju.  Inoltre, l-hsara fil-vettura tal-attur effettivament tindika li huwa kaxkar il-gemb tal-vettura tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-attur unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tal-25 ta' Mejju, 2001, u konsegwentement jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**